6 ta' Gunju, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Lokazzjoni — Kera Ogħla minn dak Permess mil-Liġi — Reat Permanenti u Reat Istantaneu — Preskrizzjoni — Art. 12 ta' l-Ordinanza XVI ta' l-1944.**

Il-Pulizija *versus* Gużeppi Farrugia

*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni penali kontra min jirrendi ruħu ħati ta' vjolazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-Kera ta' l-1944 (Ordinanza XVI), jostħom dik li wieħed jiftiehem li jikri b'kera mhux skond ma tgħid dik il-liġi, tibda tgħaddi mill-jum li fih tiġi kommessa l-vjolazzjoni tal-liġi.*

*Għall-finijiet ta' din il-preskrizzjoni, ir-reati kontra dik l-Ordinanza huma reati istantanei, avvolja l-permanenza tagħhom tibqa'; u għalhekk il-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn meta ġie konsumat ir-reat b'dak il-ftehim.*

*Fil-każ preżenti, l-imputat kien kera fond b'mod li kiser id-dispożizzjoni rilevanti ta' dik l-Ordinanza, u sal-jum li ġie miġjub quddiem il-Qorti kien għadu jdaħħal il-kera hekk miftiehem; iżda ġie ritenut illi l-azzjoni kontra tiegħu kienet preskritta, għaliex il-proċediment ma nbediex fi żmien sentejn minn meta huwa kera l-fond.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-imsemmi Farrugia ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni li ż-Żurrieq, bejn il-15 ta' Lulju 1945 u l-15 ta' Jannar 1949, bħala sid tal-post nru. 38, Roses Street, li hu dar qadima u li ma kienetx mikrija fil-31 ta' Marzu 1939, bid-dehen daħħal minn għand Mario Buhagiar kera għad-dar fuq imsemmija ogħla mill-kera xieraq stabbilit għal xi żmien mill-Uffiċjal għall-Valutazzjoni ta' l-Artijiet; u barra minn dan, naqas li jitlob lill-Board, jew qabel il-bidu tal-kirja, jew matul it-28 jum tax-xogħol wara l-jum tal-ftehim fuq il-kera ma' Marju Farrugia, biex jaqta' l-kera xieraq darba għal dejjem;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-22 ta' April 1949, li biha l-imputat ġie misjub mhux ħati u lliberat;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella;

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Kif jidher mill-verbal fol. 17, l-imputat oppona:—

1. Illi s-sentenza ma hix appellabili għall-Prosekuzzjoni, għaliex ma hemmx fiha ħlief apprezzament ta' fatt;

2. Li, se maj, ir-reat hu istantaneu, u għalhekk l-azzjoni hi preskritta;

Fuq l-ewwel pont;

Il-Prosekuzzjoni qiegħda ssostni illi l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata ta' l-ipotesi tal-liġi. U verament il-kwistjoni, kif impernjata mill-Prosekuzzjoni, tinvolvi pont tal-liġi; u jekk hu sewwa bħala liġi dak li qegħda ssostni l-Prosekuzzjoni, allura hemm fis-sentenza enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi. L-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità għalhekk ma hix sostnuta, u tiġi rejetta;

*Fuq* it-tieni pont;

Bħala regola, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali hi regolata bid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali. Però fl-art. 683 ta' dan il-Kodiċi jingħad espressament "save as otherwise provided by law". Meta, għalhekk, ikun hemm dispożizzjoni speċifika fil-liġi partikulari li taħtha jaqa' l-każ, allura għandha tiġi mħarsa din id-dispożizzjoni partikulari. Issa, fil-każ preżenti hemm l-art. 12 (3) ta' l-Ordinanza XVI ta' l-1944, li jgħid hekk:— "Proceedings in respect of an offence against this Ordinance may be commenced at any time within two years from the day when the offence is committed";

Issa fid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali l-ewwel hemm l-art. 683, li jistabbilixxi ż-żmien tal-preskrizzjoni bla ma jgħid xejn dwar minn mindu għandu jibda jiddekorri; imbagħad hemm l-artikolu 686, li fih jingħad liema għandu jkun id-"dies a quo". Għar-rigward tar-reati permanenti jingħad li *l-preskrizzjoni tibda tgħaddi mill-jum li fih* il-permanenza tar-reat ma tibqax. Issa, kieku l-leġislatur, għall-finijiet ta' din il-liġi partikulari (Ordinanza XVI ta' l-1944) ried jikkunsidra r-reati relativi għaliha, jew x'uħud minnhom, bħala permanenti, allura ma kienx jgħid, kif qal, "mill-jum li fih il-ħtija tkun saret" (art. 12 Ord. ċit.), imma jew kien jgħid mill-ewwel "mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat", jew kien jagħmel riferenza "wholesale" għall-art. 686 tal-Kodiċi Kriminali. Meta uża, bla dis-

tinzjoni ta' xejn, il-kliem "mill-jum li fih il-ħtija tkun saret", ailura ħu ċar li t-terminu għandu jibda jgħodd mill-jum tal-konsumazzjoni. Anki fir-reati permanenti, il-konsumazzjoni, bħal fir-reati istantanei, issir malli tkun kompletata l-vjolazzjoni tal-liġi; il-permanenza tikkonsisti biss fil-fatt li l-vjolazzjoni tibqa tirripeti ruħha. Imma l-kliem ta' l-art. 12 ta' l-Ordinanza ma jistgħux jiġu applikati raġjonevolment ħlief għal dik il-vjolazzjoni li tikkostitwixxi "il-mument tal-konsumazzjoni". U forsi kien appuntu biex akar tiġi lumeġġjata din id-distinzjoni, li l-legislatur f'din l-Ordinanza, minflok ma uża l-kliem ta' l-art. 683 "l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni..............", adopera lokuzzjoni sostanzjalment diversa, billi qal illi l-proċedimenti għandhom jinbdew żmien sentejn;

Issa, f'dana l-każ "ex concessis" il-fatt sar fl-14 ta' Lulju 1945, mentri l-proċeduri nbdew f'Marzu ta' l-1949;

Għalhekk il-fatt, apparti kull kwistjoni oħra, meta ġiet spikkata ċ-ċitazzjoni kien legalment improċedibili;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad l-appell ta' l-Attorney General; u f'dan is-sens tirriforma l-liberatorja a favur l-imputat.